MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Numru. 51/2012

**Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Francis Tonna**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Francis Tonna ta' 68 sena, iben John u Francesca imwieled il-Belt Valletta fis-6 ta' Dicembru 1943 u residenti fil-fond numru 39, Gesu Redentur, Triq l-Akwedotti Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 769443(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-8 ta' Dicembru 2011, fis-12.45 hrs fi triq J.F. Kennedy San Pawl il-Bahar,

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Claire Shugaa

2. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Philip Ellul

3. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAV 698 tal-ghamla Isuzu Gemini, b'mod traskurat, perikoluz u bla kont

4. Qabel dar ma kantuniera jew gie f'salib it-toroq naqas minn li jnaqqas il-velocita' tal-vettura li kien qed isuq, u jaghmel sinjal ta liema direzzjoni kien se jmur

5. Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, tordna li Francis Tonna jigi skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien li lilha jidrilha xieraq.

6. Il-Qorti kienet gentilment mitluba wkoll illi f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 41 tal-Kap 65 bhala kumpens ghal hsarat

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta' Jannar 2012 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-23 ta' Frar 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fit-8 ta' Dicembru 2011 ghall-habta ta' 12.45pm fi Triq JF. Kennedy f'San Pawl il-Bahar bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TFD 857 misjuqa minn Philip Ellul u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAV 698 misjuqa mill-imputat f'liema incident gew kagunati griehi ta' natura gravi lil Claire Shugua li kienet passiggiera fil-vettura tal-imputat u griehi ta' natura hafifa lis-sewwieq tal-vettura l-ohra, u cioe' Philip Ellul.

Philip Ellul is-sewwieq tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TFD 857 li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-23 ta' Frar 2012 spjega li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq JF Kennedy, u cioe' fit-triq tas-Salini  gej mid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar u sejjer lejn Bahar ic-Caghaq u huwa kien qed isuq fuq sajdu meta f'daqqa wahda ra l-vettura misjuqa mill-imputat iddur ghal fuqu sabiex tidhol lejn il-Qawra u sehh l-impatt.

L-imputat li ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2012 spjega li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni IAV 698 gej mid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq sejjer fid-direzzjoni ta' Bugibba u ried idur lejn il-Qawra. Huwa jghid li xeghel l-indicator u malli beda' jdur giet il-vettura l-ohra mid-direzzjoni opposta bi speed qawwi u sehh l-impatt bejn iz-zewg vetturi. L-imputat spjega li fil-mument tal-impatt huwa kien diga' qabad it-telgha u qal li l-hsara fil-vettura tieghu kienet fil-bieba u l-mudguard  tan-naha tax-xellug. L-imputat qal ukoll li ma sema' ebda hoss gej mill-vettura l-ohra qabel l-impatt u in kontro-ezami qal li qabel ma beda' jdur kien ra l-vettura l-ohra mill-boghod u kkakula li seta' jghaddi.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat li saq b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont u li minhabba dan is-sewqan u minhabba nuqqas ta' osservanza tar-

regolamenti tat-traffiku kkaguna griehi ta' natura gravi lill-passiggiera li kellu fil-vettura tieghu u griehi ta' natura hafifa lis-sewwieq l-iehor. Minn ezami tal-iskizz imhejji mis-Surgent li nvestiga l-kaz li jinsab inserit a fol. 23 tal-atti processwali u minn ezami tal-verzjonijiet tal-fatti moghtija miz-zewg sewwieqa nvoluti fl-incident awtomobilistiku de quo jirrizulta pjuttost evidenti u minghajr ebda dubju li l-incident sehh minhabba sewqan traskurat da parti tal-imputat li effetwa right hand turn u qasam il-karreggjata tal-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta minghajr ma zamm a proper lookout u minghajr ma accerta ruhu li seta' jaghmel din il-manuvra minghajr ma johloq ostakolu ghall-vetturi li kienu qed jipprocedu ghall-affari taghhom sejrin fid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq. Huwa minnu li l-imputat xeghel l-indicator qabel ma dar izda l-Qorti jidrilha li l-indicator kien aktar intiz sabiex jallerta l-vetturi li kienu gejjin minn warajh bl-intenzjoni tieghu li jdur lejn il-lemin u in kontro-ezami huwa ex admissis jghid li qabel ma dar kien ra l-vettura l-ohra gejja mid-direzzjoni opposta izda haseb li seta' jghaddi. L-imputat jallega li l-vettura l-ohra kienet gejja bi speed eccessiv izda jekk wiehed jara il-brake marks li halliet l-imsemmija vettura u li huma twal sitt metri u jiehu in konsiderazzjoni t-thinking distance jista' jikkonkludi li din il-vettura ma kintix qed tinstaq b'velocita' aktar minn tletin kilometru fis-siegha u dan ifisser li s-sewwieq l-iehor kien qed isuq b'velocita' normali. Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-incident awtomobilistiku de quo sehh unikament minhabba sewqan traskurat da parti tal-imputat stante li dan effetwa right hand turn u qasam il-kareggjata tal-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta minghajr ma zamm a proper lookout u billi erronjament kkalkula lli seta' jghaddi.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni rnexxilha tressaq provi li l-griehi sofferti minn Philip Ellul kienu ta' natura hafifa li l-greihi sofferti minn Claire Shugua kienu ta' natura gravi skond dak kontemplat fl-Artikolu 216 izda ma giex pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-istess griehi kellhom il-konsegwenzi indikati fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. L-imputat sejjer

ghalhekk jinstab hati a tenur tal-Artikolu 226(1)(b) u (c) tal-Kodici Kriminali izda mhux a tenur tal-Artikolu 226(1)(a).

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali tista' tghid netta kif ukoll il-fatt li huwa qed jinstab hati ta' sewqan traskurat u mhux ta' sewqan perikoluz u jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena pekunjarja u mhux piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17 u 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 15 u 43(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu salv li in kwantu jirrigwarda it-tielet(3) imputazzjoni huwa qed jigi misjub hati limitatament ghal sewqan traskurat u mhux ghal sewqan perikoluz u bla kont u tikkundannah multa ta' tmien mitt Ewro (€800) u tiskwalifikah milli jzomm jew jotjeni l-licenzja tas-sewqan ghal zmien ghoxrin (20) gurnata millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------